*Dik il-lista jmissha tinbagħat lill-iskejjel biex is-Surmastrijiet jfakkru lill-iskulari l-isem ta' nies kbar u jfissrulhom x'kienet il-ħidma tagħhom. Listi jinbagħtu wkoll lill-għaqdiet u lill-każini biex jitħajru jiċċelebraw kif jixraq it-tifkira ta' persunaġġi li għamlu ġieħ lil pajjiżna.*

*Aktar 'il quddiem qegħdin inġibu lista ta' anniversarji li ġabar is-Sur Gino Muscat Azzopardi, kittieb magħruf, li jinteressa ruħu mhux ftit fi ħwejjeġ bħal dawn. Minn din il-lista wieħed jara kemm anniversarji jistgħu jilħqu kull sena jekk dak li jkun ifittixhom bil-għaqal u bis-sabar. Imma bil-publikazzjoni biss ta' din il-lista ma nkunux nagħtu l-ġieħ li jistħoqqilhom lil dawn in-nies kbar li l-anniversarju tagħhom jaqa' f'din is-sena. Teħtieġ xi ħaġa aktar nazzjonali. Tkun ħaġa xierqa u ta' min ifaħħarha jekk il-Gvern jagħti xhieda ta' patrijottiżmu billi joħroġ sett ta' bolli li jfakkru xi wieħed jew aktar minn dawn il-persunaġġi li jidhru fil-lista li ġabar is-Sur Gino Muscat Azzopardi.*

---

## IDEALIŻMU

*Ta' CHARLES COLEIRO*

Polvri u nirien
nirien u theżżiż
theżżiż u tiġrif
iġsma bir-radam fit-triq.

Pitrolju u nirien
nirien u patrijiet
patrijiet u pagodi
pagodi u twemmin
iġsma mixwija fit-triq.

Palju u nirien
nirien u kurrenti
kurrenti u ideat
ideat u kuntrasti
kuntrasti u protesti
'ma l-iġsma mhux lesti
joħorġu biex jifdu fehmithom fit-triq.

5/6/66.



# BEJN L-AĦĦAR U L-EWWEL TAS-SENA

*Ta'* PAWLU CACHIA

Is-sena fiha tnax-il xahar: meta tħares lejhom f'daqqa, tarahom ħafna; iżda inti u taħli l-jiem tagħhom issibhom li jogħsfru bħal għabra ma' żiffa riħ. U wara li tkun dammejthom wieħed wara l-ieħor, issib ruħek ixjaħ fis-snin u fit-tiġrib tad-dinja. Is-sena li tidħol fuq dik li minnha tkun għadha kemm ħarġet ruħha, iġġagħlek tifraħ għax tħossok li wasalt f'xifer ta' sena oħra ġdida; imma moħħok malajr donnu jiddallam fil-ħsieb li ma tistax tgħid jekk tagħlaqhiex bħalma għalaqt il-waħda li tkun ħriġt minnha.

L-aħħar jum tas-sena kulħadd jixtiequ jgħaddi f'għamża t'għajn biex tfittex tibda s-sena l-ġdida. Dari fl-aħħar tas-sena kien jingħad li toħroġ iddur l-Imlejka, il-mara tal-Gawgaw, li skond Patri Manwel Magri, S.J., ġejja minn Malka li tfisser sultana, sultana ż-żgħira li l-Feniċi kienu jagħtuha ġieħ bħala alla mara flimkien mar-raġel tagħha kewkew, li aħna nsibuh aktar b'gawgaw. Patri Magri fil-ktieb tiegħu "X'Jgħid il-Malti" (1925), fuq din is-sultana jgħid hekk: "Fl-aħħar tas-sena, igħidulek xi nies, tiġi l-Imlejka; nagħmluha l-fwieħa fid-dar għal meta tiġi; għax jekk issib il-fwieħa ġġibilna r-riżq: jekk ma ssibhiex ma ġġibhulniex".

Dan it-twemmin fieragħ inqered għal kollox minn fostna; għaliex milli jidher ukoll fi żmien Magri dan kien diġa mar lura u ntesa.

L-għada tisbaħ sena ġdida u d-dħul tagħha jsir fost il-ferħ tad-djar, it-tisfir tal-vapuri, ix-xalar fis-swali taż-żfin, it-tislim u x-xewqat tajba; u ma' kollox, ma jonqosx iċ-ċekċik tal-flus mit-tfal.

Iva, iċ-ċekċik tal-flus! Fl-ewwel tas-sena tiġi l-Istrina: meta t-tfal imorru fuq dak li jkun, forsi matul is-sena qatt ma kienu taw kasu, l-aktar xi nannu jew xi ziju, biex wara li jkunu tawh is-sena t-tajba bil-ħatfa, iżerżqilhom xi ħaġa tal-fidda f'idejhom ħalli mbagħad dak li jiġbru jagħtuh lil ommhom sabiex bihom tixtrilhom xi ħaġa li jkollhom bżonn.

Il-gost tat-tfal li jiġbru ħafna flus mhux biex ikollhom x'jonfqu, iżda biex joqogħdu jsarrfu u jgħoddu għal min jaf kemm-il darba, u wkoll biex jagħmlu l-piki ma' ħuthom u sħabhom.

Dun Ġużepp Farrugia fil-ktieb li ħareġ fl-1909, "Id-Drawwiet tal-Maltin" li jġib in-Nru. 85 tal-"Kotba tal-Mogħdija taż-Żmien". kellu dan xi jgħid dwar din id-drawwa tat-tfulija: "Sbiħ l-ewwel ta' Jannar, qtajja' ta' tfal tilmaħhom minn kmieni jduru mat-toroq,